MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 951/2002/1

**Carmelo u Clara konjugi Borg**

**Vs**

**Nutar Mark Anthony Sammut**
**LL.D.**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn dan it-Tribunal rapprezentanti valur ta' sitt (6) kotba antiki mislufa lill-konvenut, liema oggetti naqas li jirritornahom wara li saru diversi sejhiet.

Ra r-risposta ntavolata mill-konvenut u li permezz taghha ecepixxa li:

(a) It-talba hija ntempestiva;
(b) It-Tribunal m'huwiex kompetenti *ratione materiae*.

Semgha x-xhieda.

Ikkunsidra:

1. Fis-seduta tas-17 ta’ Mejju 2002 l-konvenut ikkonferma li l-kotba li huma meritu tal-kawza jinsabu fil-pussess tieghu u *“hemm qbil ukoll li l-konvenut jirritorna l-kotba sas-seduta li jmiss”* (fol. 12).

2. Madankollu jirrizulta li l-konvenut baqa’ ma rritornax il-kotba skond ma obbliga ruhu li jaghmel.

3. Il-konvenut naqas milli jissostanzja l-ewwel eccezzjoni. Gialadarba huwa obbliga ruhu li jirritorna l-kotba sas-seduta tal-14 ta’ Gunju 2002 u sa dakinhar ma rritornahomx, ma jistax jinvoka l-intempestivita ta’ l-azzjoni.

4. Dwar l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ kompetenza ta’ dan it-Tribunal, huwa maghruf li skond l-Artikolu 3[2] tal-Kap. 380 dan it-Tribunal jisma’ u jaqta biss *“talbiet kollha ta’ flus ta’ l-ammont ta’ mhux izjed minn elf u hames mitt lira Maltija”*. F’dawn il-proceduri l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ta’ somma flus u mhux li l-konvenut jigi kkundannat jirritorna l-kotba.

5. It-Tribunal huwa tal-fehma li gialadarba l-konvenut assuma l-obbligu li jirritorna l-kotba u naqas milli jwettaq l-obbligu tieghu, l-atturi ghandhom jedd li jithallsu l-valur tal-kotba.

6. Dwar l-ammont reklamat ma saret l-ebda opposizzjoni min-naha tal-konvenut. Mix-xhieda li ressqu l-atturi jidher li l-ammont reklamat m’huwiex wiehed eccessiv u fil-fehma tat-Tribunal huwa wiehed gusitifikat.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ mitt lira Maltija, bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**